31994D0723

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Ottubru 1994

li temenda l-Kapitolu 3 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE li jistabbilixxi l-ħtiġiet għas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li mhumiex suġġetti għall-ħtiġiet imsemmija stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza dwarhom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fil-każ ta' patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(94/723/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġiet għas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa tal-pubbliku li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li mhumiex suġġetti għall-ħtiġiet imsemmija kif stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza dwarhom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 89/662/KEE u fir-rigward ta' patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE [1], kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/466/KE [2], u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 15 tagħha,

Billi, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet stabbiliti, il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjoni tal-ġlud ta' l-annimali u l-ġlud ta' l-annimali tal-fart mhux koperti bid-Direttiva 64/433/KEE jew 72/462/KEE għandhom ikunu emendati; billi l-Kapitolu 3 ta' l-Anness I ta' dik id-Direttiva għandu jkun miktub mill-ġdid kif meħtieġ;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterenarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-Kapitolu 3 ta' l-Anness 1 tad-Direttiva 92/118/KEE huwa hawnhekk mibdul bl-Anness ta' dan.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1994.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Ottubru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[2] ĠU L 190, tas-26.7.1994, p. 26.

L-ANNESS

"IL-KAPITOLU 3

Il-ġlud ta' l-annimali tal-fart (*) li mhumiex koperti bid-Direttiva 64/433/KEE jew 72/462/KEE u li ma sarilhomx proċessar ta' l-ikkonzar

I. A. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma japplikawx għal:

— ġlud ta' l-annimali tal-priża koperti bid-Direttiva 64/433/KEE jew 72/462/KEE,

— ġlud ta' l-annimali li għaddew mill-proċess kollu ta' l-ikkonzar,

— 'wet blue',

— 'ġlud fis-salmura',

— 'ġlud fil-ġir' (trattati bil-ġir u fis-salmura ta' pH ta' 12 sa 13 għal mill-anqas tmien sigħat).

B. Fl-ambitu ta' l-iskop definit f'A, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw għal ġlud friski, imkessħa u ttrattati.

Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni, 'ġlud ittrattati' tfisser ġlud li ġew:

— imnixxfa, jew

— imnixxfa fil-melħ jew imxarrba fil-melħ għal mill-anqas 14-il ġurnata qabel ma jintbagħtu, jew

— immellħa għal sebat ijiem fil-melħ tal-baħar biż-żieda tal-karbonat tas-soda ta' 2 %, jew

— jinxfu għal 42 jum f'temperatura ta' mill-anqas 20 °C, jew

— ippreservati bi proċess ieħor apparti milli l-ikkonzar, li għandu jkun stabbilit b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

II. *Kummerċ Intra-Komunitarju*

A. Il-kummerċ fi ġlud friski jew imkessħa huwa suġġett għall-istess kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali bħal dawk li jgħoddu għal-laħam frisk permezz tad-Direttiva 72/461/KEE.

B. Il-kummerċ fi ġlud ittrattati huwa awtorizzat bil-kondizzjoni li kull kunsinna jkollha magħha dokument kummerċjali kif hemm ipprovdut fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 4(2)(a) li jiċċertifika li:

— il-ġlud ikunu ġew trattati bi qbil mal-punt I.B, u

— il-kunsinna ma tkunx ġiet f'kuntatt ma' xi prodott ieħor ta' l-annimal jew ma' l-annimali ħajjin li jippreżenta periklu li jxerred mard serju li jittieħed.

III. *Importazzjoni*

A. Ġlud friski jew imkessħa jistgħu ikunu importati biss minn pajjiżi terzi jew minn parti ta' pajjiż terz li minnhom l-importazzjoni tal-kategoriji kollha tal-laħam frisk ta' l-ispeċi korrispondenti huma awtorizzati permezz tal-leġislazzjoni tal-Komunità.

B. L-importazzjoni ta' ġlud friski jew imkessħa għandhom jilħqu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li għandhom ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċeduri stabbilita fl-Artikolu 18 u għandhom ikollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 10(2)(ċ).

Ċ. L-importazzjoni ta' ġlud ittrattati minn pajjiżi terzi elenkati fil-Parti I ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 79/542/KEE (**) hija awtorizzata bil-kondizzjoni li kull kunsinna jkollha magħha ċertifikat ta' mudell li għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, bl-iskop li:

(a) jew meta l-ġlud joriġinaw minn annimali li ġejjin minn reġjun ta' pajjiż terz jew minn pajjiż terz li mhumiex suġġetti, permezz tar-regolamenti tal-Komunità, għal restrizzjonijiet bħala riżultat ta' l-iskuppjar ta' mard serju li jittieħed li għalihom l-annimali ta' l-ispeċi kkonċernata jkunu suxxettibbli, ikunu ġew trattati bi qbil mal-punt I.B;

jew

meta l-ġlud joriġinaw minn reġjuni oħra ta' pajjiż terz jew pajjiżi terzi oħra, ikunu ttrattati kif stabbilit fil-punt I.B, it-tielet u r-raba' inċiż;

u

(b) il-kunsinna ma tkunx ġiet f'kuntatt ma' xi prodott ieħor ta' l-annimali jew ma' l-annimali ħajjin li jġib ir-riskju li jxerred xi marda serja li tittieħed.

D. B'dankollu, fil-każ ta' l-importazzjoni minn xi pajjiż terz ta' ġlud ta' l-annimali li jirgħu ittrattati bi qbil mal-punt I.B, u li inżammu separati għal 21 jum jew li ġarrbu trasport għal 21 jum kontinwi, iċ-ċertifikat li hemm provvediment dwaru fil-punt Ċ għandu jkun mibdul b'dikjarazzjoni li tgħid jew li tikkonferma li dawk il-ħtiġiet ikunu ġew imħarsa, ta' mudell li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

(*) 'Ġlud ta' l-għasafar tal-priża' tfisser il-ġlud li jgħattu l-għasafar tal-priża.

(**) ĠU L 146, ta' l-14.06.1979, p. 15. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/59/KE (ĠU L 27, ta' l-1.2.1994, p. 53)."